**Talbiet**

— tiddikjara li billi m'adottatx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/51/KE ([1]) tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda l-Anness XX tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Anness VIII tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18/KE dwar ix-xiri pubbliku [il-kuntratti pubbliċi], ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2005/51/KE ċċitata iktar 'il fuq;

— sussidjarjament, tiddikjara li, f'kull każ, billi ma kkomunikat lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet hekk adottati, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha skond id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq;

— tordna lir-Repubblika Portugiża tbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fil-31 ta' Jannar 2006.

([1]) ĠU L 257, p. 127.

**Talbiet**

— prinċipalment, tiddikjara li, billi ma adottatx id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE, tal-31 ta' Marzu 2004 ([1]), li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali, ir-Repubblika tal-Portugall naqset mill-obbligi imposta fuqha skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 71(1) ta' l-imsemmija Direttiva 2004/17/KE;

— sussidjarjament, tiddikjara li, f'kull każ, billi ma kkomunikatx lill-Kummissjoni d-dispożizzjoni adottati f'dan is-sens, ir-Repubblika tal-Portugall naqset mill-obbligi imposti fuqha skond l-imsemmija dispożizzjoni;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Portugall tbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fil-31 ta' Jannar 2006.

([1]) ĠU L 134, p. 1.

## Rikors imressaq fl-14 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Portugall

**(Kawża C-289/07)**

(2007/C 183/44)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Caeiros u D. Kukovec, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika ta' Portugall

## Appell imressaq fl-14 ta' Ġunju 2007 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) fid-29 ta' Marzu 2007 fil-Kawża T-366/00: Scott S. A, sostnuta mir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**(Kawża C-290/07 P)**

(2007/C 183/45)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: J. Flett, Aġent)

*Partijiet oħra fil-kawża:* Scott SA, Repubblika Franċiża